MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 119/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Bianco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Bianco talli fit-8 ta' Novembru 2005 u matul is-snin ta' qabel sa minn Settembru 1999 f'dawn il-Gzejjer bhala persuna li ftehmet jew accettat li tixtri jew tbiegh, skrappjat jew xort'ohra nehhiet jew ittrasferiet lil persuna ohra l-vettura Nru. IAZ-901, naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta' l-imsemmija vettura.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi Charles Bianco jesegwixxi l-ligi fiz-zmien sufficjenti ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti taht penali ta’ ammenda ta’ mhux aktar minn Lm2 kuljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Bianco hati u, wara li rat ir-regolament 29 ta’ l-A.L. 476/2004 u l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu multa ta’ mitt euro (€100) u ordnat transfer fi zmien xahar taht penali ta’ ghaxar euro (€10) kuljum fin-nuqqas;
Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Charles Bianco pprezentat fit-30 ta’ April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrieh u kwindi tilliberah minnha u minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-eccezzjoni sollevata mill-prosekuzzjoni fis-sens li r-rikors ta’ appell huwa null peress illi gie pprezentat “fuori termine”;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-prosekuzzjoni fis-seduta tallum stess.

Jirrizulta mill-atti li s-sentenza appellata nghatat fit-2 ta’ April 2008 u dakinhar stess l-appellant (allura imputat) talab u ottjena s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza. Ir-rikors ta’ appell gie ntavolat fit-30 ta’ April 2008.

Skond l-artikolu 417(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta, appell ghandu jigi pprezentat fi zmien tmint ijiem tax-xoghol li jibdew jghaddu, ghall-persuna misjuba hatja, mill-

gurnata tas-sentenza definittiva. Minn ezami tal-kalendarju relattiv dan ifisser li l-ahhar gurnata li fiha seta' jigi pprezentat ir-rikors ta' appell mill-appellant odjern (li quddiem din il-Qorti stqarr li kien hu li mar tard ghand l-Avukat tieghu minhabba luttu fil-familja) kien l-14 ta' April 2008.

Minn dan jidher li m'hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern gie pprezentat tardivament u ghalhekk l-eccezzjoni tal-prosekuzzjoni timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-eccezzjoni tal-prosekuzzjoni, tiddikjara li r-rikors ta' appell gie pprezentat tardivament u ghalhekk tiddikjarah null u bla effett.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------